**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Ismael Habesh**

**Illum 23 ta' Frar, 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 391/2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ismael Habesh detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 15771A billi huwa akkuzat talli nhar l-10 ta' Settembru 2017, minn gewwa Triq il-Vitorja, Qormi:

1. Ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru ta'registrazzjoni FCI 825, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bix-xorti tal-haga misruqa u dan sehh ghad-detriment ta' Robert Agius u/jew persuni ohra.

2. Aktar talli fl-istess, data, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna jew reat ta' serq jew hsara fil-proprjeta', kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

3. Zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu , taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, xi arma, jew munizzjon elenkati fl-iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att dwar l-Armi) tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att.

4. Ghamel ingurji u theddid lil Robert Agius, liema theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

5. Bhala persuna li akkwista jew giet f'idejh xi arma tan-nar, jew munizzjon xort' ohra milli ghax kellu licenzja, naqas milli minnufih javza lill-Kummissarju tal-pulizija.

6. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

7. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu bid-digriet li bih inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti.

8. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill–imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 365*) datata 5 ta' Lulju 2018 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-artikoli 261(a), (c), (g), 262, 267, 271(g), 276, 277, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 55 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 41 u 51(8) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 56 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tat-12 ta' Novembru 2018 (*a fol. 383)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-5 ta' Lulju 2018, u f'liema seduta l-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2020 il-Qorti tat zmien lill-Prosekuzzjoni sabiex tipprezenta is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat is-sottomissjoni taghha bil-miktub fit-23 ta' Settembru 2020.

Rat illi d-difiza ghamlet is-sottomissjoni taghha fis-seduta ta' nhar 19 ta' Novembru 2020.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-Fatti tal-Każ**

Dan il-każ jisvolgi fl-10 ta' Settembru 2017 gewwa Triq il-Vitorja f'Hal Qormi fejn l-imputat qieghed ikun mixli li seraq vettura tal-ghamla Mercedes bin-numru ta'registrazzjoni FCI 825 ghad-dannu ta' Robert Agius. Din il-vettura kienet ritornata fuq il-post fi ftit minuti. Il-

Prosekuzzjoni xliet lill-imputat ukoll dwar arma li jidher li spiccat f'idejh waqt l-argument bejnu u bejn Robert Agius. Il-prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha principalment fuq *cctv footage* li kien ipprezentat waqt dawn il-proceduri.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu wiehed u ghoxrin (21) xhud kif gej:

Norbert Gauci (*a fol* 42 et. seq.); Sarah Attard (*a fol* 49 et. seq.); Melvin Cini (*a fol* 60 et. seq.); Terrance Cini (*a fol* 63 et. seq.); PS 954 James Mangion (*a fol* 78 et. seq.); PC 1316 Peter Agius (*a fol* 88 et. seq.); PC 1597 Alfred Chetcuti (*a fol* 92 et. seq.); Dr. Lennox Vella (*a fol* 99 et. seq.); Stephen Cachia (*a fol* 120 et. seq.); Spettur Roderick Agius (*a fol* 127 et. seq.); Spettur Saviour Baldacchino (*a fol* 131 et. seq.); Stephen Cachia (*a fol* 275 et. seq.); PS 772 Dennis Agius (*a fol* 280 et. seq.); WPC 260 Melanie Scicluna (*a fol* 282 et. seq.); Spettur Louise Calleja (*a fol* 291 et. seq.); Spettur Saviour Baldacchino (*a fol* 294 et. seq.); Robert Agius (*a fol* 362 et. seq.); PC 1491 Kurt Attard (*a fol* 369 et. seq.); Anna Cini (*a fol* 378 et. seq.); James Zammit (*a fol* 385 et. seq.); PC 1491 Kurt Attard (*a fol* 387 et. seq.).

**KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI**

**Preliminari**[1]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita' storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwassluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita' storika mit-testimonjanza tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta' u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Cioe' li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip ta' evidenza tista' tiżvija lill-Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita'.

[1] Il-**Pulizija vs Reuben Alessandro ABELA** deċiża fis-7 ta' Jannar 2020 mill-Imħallef Aaron Bugeja Appell numru 236 tal-2017

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali mnissla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, cioe' l-Law of Evidence. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta – jekk ikun hemm; kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż[2], li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitressqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti

[2] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet.

Fil-każ Ingliż **Majid**, Lord Moses stqarr hekk[3]:

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**[4], Adrian Keane u Paul McKeown jgħidu s-segwenti : -

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja ntlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak

[3] ibid.
[4] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108

li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Illi l-partijiet fi proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni *in primis*, u li għandha d-dmir li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, trid tosservanza dik li hija magħrufa bħala l-*best evidence rule*, l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija talpersuna akkuzata. L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-*

*raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni talprova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.*[5]

In oltre u aktar reċentement fis-sentenza Il-**Pulizija vs Cyrus Engerer**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

*Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar*

[5] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

*l-univocita ta-lprovi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.*[6]

Kwindi minbarra r-regola li huwa meħtieġ li tiġi prodotta l-aħjar prova, jekk f'każ partikolari jkun hemm evidenza li tkun ċirkostanzjali, indiretta jew indizzjarji, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku.  Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

**KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

**Is-serq**

Illi l-liġi penali tagħna ma tagħti l-ebda definizzjoni tar-reat tas-serq b'dan għalhekk illi l-ġurisprudenza u d-deċiżjonijiet tal-qrati dejjem straħu fuq dik mogħtija mill-ġurista Taljan Carrara fejn fiha hemm inkapsulati l-elementi kollha tar-reat tas-serq, u cioe' it-teħid doluż ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwistat b'mod frawdolenti u dan bil-għan illi jsir il-qliegħ mir-res furtiva[7].  Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti ai fini ta' sejbien ta' ħtija:

1. ***The contrectatio of a thing.***

[6] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.
[7] '*La contrettazione dolosa della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro.*'

2. *belonging to others.*
3. *made fraudulently.*
4. *without the consent of the owner.*
5. *animo lucrandi.*

Abbinata ma' din id-definizzjoni li minnha jinstiltu l-elementi tar-reat, li l-leġislatur jonqos milli jinkorpora fil-leġislazzjoni, l-artikolu 261 tal-Kodiċi Kriminali mbagħad joħloq l-aggravanti varji għar-reat.

**Ksur tal-bon-ordni u paci pubblika**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha okkazzjoni tfisser f'diversi sentenzi taghha (ara, fost ohrajn, Il-**Pulizija v. Joseph Spiteri** App. Krim. 24/5/96), bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c- cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Ghandu jinghad ukoll li ghalkemm il-ligi taghna tipprovdi ghad-difiza tal- legittima difeza f'kaz ta' aggressjoni diretta biex tikkaguna offiza fuq il-persuna (Art. 223, Kap. 9), kif ukoll tippermetti r-ritorsjoni proporzjonata fil-kaz ta' l-ingurja kontravvenzjonali taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali (ara Il- **Pulizija v. Joe sive Joseph Vella** App. Krim. 7/12/95), fil-kaz tar-reat ta' ksur tal-bon-ordni u l-paci pubblika il-ligi ma tipprovdi ghal ebda difiza specifika.

Fi kliem iehor, wiehed irid jara fil-kaz konkret jekk dak li sar kienx inevitabbli tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Hu evidenti, per ezempju, li persuna li tigi aggradita u li tkun fil-fatt qed tiddefendi ruhha (mhux semplicement tirritalja ghal offiza fuq il-persuna li tkun diga saritilha) necessarjament ser tagixxi b'mod li tnissel f'mohh persuna ohra dak l-inkwiet jew thassib aktar 'l fuq imsemmi. Pero` l-agir ta' dik il-persuna jkun, f'dawk ic-cirkostanzi, inevitabbli, u ghalhekk ma jistax jammonta ghal *breach of the peace*. L-istess ikun il-kaz jekk persuna tingurja *animus retorquendi* fil-limiti tal-Artikolu 339(1)(e) imsemmi – ikun kontrosens li wiehed jghid li dik l-ingurja ma tammontax ghal reat pero` l-fatt fih innifsu jammonta ghal reat iehor (taht l-Art. 338(dd))[8].

L-Imhallef Joseph Galea Debono waqt li kien qieghed jippresiedi l-Qorti tal-Appell Kriminali sostna li: Ma hemmx ghalfejn ikun hemm l-ghajjat u l-glied flimkien biex tissussisti l-kontravvenzjoni kontemplata fl-ewwel imputazzjoni w koperta bl-artikolu 338 (dd) tal-Kap.9 indikat fil-komparixxi w citat fis-sentenza appellata[9]. Di fatti dan is-subinciz (dd) jiddisponi li :-

> *"Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min :- (dd) b'xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra f'dan il-Kodici jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku ."*

[8] **Pulizija vs Monica Polidano.** App. krim. Imhallef Vincent Degaetano. 25 ta' Gunju 2001

[9] **Pulizija vs Paul Pace**. App Krim Inf Imhallef Joe Galea Debono. 3 ta' April 2003

Minn dan jidher car li l-kliem tal-ligi jrid ikopri kull *"disturbance to the peace and good order"* sija jekk dan ikun gej minn ghajjat biss kif ukoll minn glied jew kolluttazzjoni fizika jew it-tnejn f'daqqa jew minn xi manifestazzjoni ohra. Mhux xi rekwizit tassattiv li dawn iz-zewg elementi jridu jikkonkorru f'daqqa w jista' jkollok wahda jew l-ohra jew xi manifestazzjoni ohra esterna li twassal ghad-disturb tal-buon ordni w l-kwiet tal-pubbliku .

Illi kif gie ritenuto fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Paul Busuttil** [23.6.1994] :

> *"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl- artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c- cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-eghmil jew minnhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-eghmil"* u *"dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."*

Dik il-Qorti kienet iccitat b'approvazzjoni lill-Imhallef Sir Adriano Dingli li fil-kawza "**Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et**." [Kolloz Vol. XII , p.472, 475] kien qal :- *"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della*

*sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale , e' violazione dell'ordine pubblico , indipendentemente dalla perpetrazione di altro atto."*

**Il-provi**

Il-filmat ta' CCTV esebit huwa ta' kwalita' tajba u meta wieħed jara l-filmat fl-intier tiegħu u bir-reqqa; huwa ferm indikattiv ta' kif ġraw l-fatti.

Mill-provi joħroġ bl-iktar mod ċar li ġewwa l-vettura kien hemm xi oġġetti misterjużi li dwarhom sar id-diżgwit kollu.

Fil- filmat, jidher li waqt argument fiżiku bejn Habesh u Agius dan ntrebaħ minn Habesh. Jidher li l-imputat Habesh spiċċa fil-pussess ta' oggett li deher li hu arma tan-nar li konsegwentement wasslet sabiex Agius u sħabu jitilqu jiġru kemm jifilħu 'l bogħod sabiex jistkennu.

Habesh susseggwentenet jidher jidħol fil- vettura ta' Agius u jsuq 'l hemm u jirritorna biss wara ftit minuti.

Minhabba li dak li kellu jkun ix-xhud principali ghazel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhu ma kienx stabilit jekk kienx ta l-kunsens tieghu biex Habesh jitlaq minn fuq il-post bil-vettura tieghu, izda kkonferma biss li din kienet irritornata lilu minnufih.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jidher li qal **Robert Agius** lill-pulizija dakinnhar tal-kaz fejn fir-rapport tal-pulizija li jinsab *a fol* 22

jinkiteb hekk minn PS954 James Mangion liema rapport thejja a tempo vergine fl-10 ta' Settembru 2017:

> *Meta mistoqsi x'gara ezatt, Robert ta' din il-verzjoni lill-Pulizija: Waqaft ghand il-Hudson sabiex nixtri flixkun ilma, kien hemm siehbi fil-vettura Norbert Cauchi mat-tfajla tieghu u f'daqqa wahda gie Ismael Habesh u dahalli gol-vettura u beda jirriversja lura u l'quddiem u l'siehbi gennu. Dak il-hin hrigt mill-hanut u saqsejtu xi jrid u qalli, Kevin, qalli jew ittini ghoxrin elf ewro jew noqtlok! Ghandi anki gelatine biex nghollik, u hareg mill-vettura u ppuntali pistola fid-direzzjoni tieghi. Jien tghajtu daqqa dak il-hin u armejtlu l-pistola minn idu u giet taht is-seat tal-karozza u bdejna nissieltu bejnietna min ha jiehdu u rnexxieli niehdu jien u dak il-hin qaghad kwiet. Jien ikkokjajtu l-pistola biex nara jekk l-arma fijiex bullets fejn dak il-hin harget wahda. Dak il-hin ghidtlu tridx intik 200 euro u tieqaf hawn l-istorja? Norbert u t-tfajla tieghu telqu jigru u ahna dhalna fil-karozza biex intih il-flus il-200 euro u x'hin dhalna fil-karozza pruva jahtaflu r-revolver u armejt ir-revolver fil-vettura stess fuq wara u tlaqt nigri. Ismael mieghu nnotajt li kellu zewg persuni ohra wiehed kien go truck ipparkjat fejn il-policlinic, tat-tip Ford Kargo ta' kulur celest u persuna ohra kien bejn il-clinic u l-Hudson u jien x'hin hrabt, Ismael beda jghajjat lil din il-persuna sparalu sparalu!*

Jekk tinstab htija dwar l-ewwel imputazzjoni jkun japplika l-artiklu 337 tal-Kodiċi Kriminali, sub-inċiż 2B(1) illi jgħid illi fl- eventwalità li jkollok persuna li tinstab ħatja tar-reat tas-serq u l-*corpus delicti* jiġi irritornat

qabel id-data tal-ewwel seduta għandu jkollok tnaqqis b'żewġ gradi fil-piena kif tajjeb sostniet id-difiza.

Il-Prosekuzzjoni naqqset li tipprezenta provi dwar l-arma li xliet dwarha lil l-imputat. La nafu x'tip ta' arma, la nafu n-numru tar-registrazzjoni taghha, la nafu x'kienet taghmel ghand l-allegat vittma u jekk kinetx wahda registrata. Jidher izda li din ma kinetx ghand l-imputat Habesh fil-bidu tal-kaz u spiccat ghandu waqt li kien rebah lit-taqbida bejnu u bejn Robert Agius.

F'dawn il-proceduri kien ikkonfermat mis-Surgent 772 Dennis Agius li Habesh ma kellu l-ebda licenzja marbuta mal-armi.

**<u>Aktar mistoqsijiet milli twegibiet</u>**

**Din il-Qorti qeghda taghlaq dan il-process b'aktar mistoqsijiet f'mohhha milli twegibiet. Mhix ir-rwol ta' din il-Qorti bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali li taghmel investigazzjoni hi dwar il-kaz izda triq toqghod fuq il-provi jew nuqqas taghhom li l-Prosekuzzjoni taghzel li tipprezenta fil-kaz.**

Il-Qorti ghandha dawn il-mistoqsijiet li nuqqas ta' twegiba ghalihom johloq dubju ragonevoli:

Persuna li allegatament qed tisfa aggredita, misruqa [hekk kif joħroġ mix-xhieda ta' diversi xhieda stess, u anke mir-rapport li kien għamel Robert Agius, liema rapport imbagħad qatt ma ikkonfermah quddiem din l-

Qorti], persuna li tkun vittma hija n-norma li toffri l-flus biex il-kwistjoni tieqaf hemm?

Persuna li serqet vettura, u dan jirriżulta anke mill-istills li ġew preżentati, jieħu vettura għal erba' minuti u jerġa' jirritornaha fl-istess post? Persuna li serqet vettura tiehu lura l-istess vettura lill-*parte civile*? U imbaghad il-*parte civile* stess jitla' quddiem il-Qorti u jikkonferma li l-vettura verament ġiet irritornata lilha?

Dwar l-arma l-Qorti kellha l-opportunità li tisma' x-xhieda li kienu fil-vettura Robert Agius meta qam dan l-argument li wassal ghal dawn il-proceduri, għalkemm jikkonfermaw li kien hemm arma, ma jikkonfermawx x'tip ta' arma kienet, x'daqs kien fiha u x'kulur kien fiha. Mill-provi jirriżulta li Agius kellu pouch f'din il-vettura. Jidher sew li kemm meta Ishmael Habesh ġie fuq il-post u anke meta telaq f'idejh ma kellu xejn. Jidher li Agius daħħal idejh fil-pouch u fil-mori tal-allegat taqbida li kien hemm u li damet ftit sekondi.

Mill-provi johrog li kien l-istess Robert Agius illi fir-rapport jinghad li kien offra mitejn ewro (€200) biex il-kwistjoni tieqaf hemm u kien hu stess li rema' l-arma.

Il-Qorti bhad-difiza tinkwieta meta l-Prosekutur fis-sottomissjonijiet juza l-kelma "suspettuż" meta jirreferi ghall-affarijiet li kien hemm fi-vettura jew il-kwistjoni li qamet kienet waħda suspettuża. Qabel il-Prosekuzzjoni giet quddiem din il-Qorti b'dan il-kaz kellha tara li ma jibqa' xejn suspettuz fil-kaz Il-Qorti mhix hemm biex taghlaq ix-xquq li

jkollha fil-kaz taghha l-Prosekuzzjoni. Prosekutur għandu l-obbligu li jinvestiga u meta jkollu riżultanzi kolha f'idejn jagħżel iressaqx quddiem il-Qorti jew le.

In kwantu l-akkuza tal-Ksur tal-Kundizzjonijiet tal-Helsien mil-Arrest f'dawn l-atti hemm esebit digriet u gie ikkonfermat mil-Ispettur Louise Calleja fix-xhieda taghha illi Ismael Habesh huwa l-istess persuna indikat fid-digriet tal-Helsien mil-Arrest esebit fil-process u kif ukoll illi l-istess degriet kien ghadu in vigore meta saru dawn ir-reati illi huwa akkuzat bihom l-imputat. **Izda l-Prosekuzzjoni fl-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Habesh huma xotti u ma jindikawx liema kunidizzjonijiet kiser, min imponihom fuqu u meta kienu imponuti fuq l-imputat. Din il-Qorti tistenna li meta l-Prosekuzzjoni jkollha kaz bhal dan ghandha tkun preciza fl-imputazzjonijiet taghha u ma thalli l-ebda tieqa jew ventilatur li l-imputat johrog minnhom minhabba traskuragni jew ghaggla meta jitlestew l-imputazzjonijiet.**

Rigward is-sitt imputazzjoni, il-filmat juri biċ-ċar li s-sitwazzjoni kreata minn Habesh u Agius fejn inħolqot kommossjoni ġewwa t-toroq ta Ħal-Qormi u ghalhekk se tinstab htija dwarha invista ta' dak spjegat aktar 'l fuq meta kienu spjegati l-elementi biex wiehed isib htija dwar l-artikolu 338 (dd).

**Ricediva**

L-imputat jinsab mixli li wettaq reat waqt illi huwa riċediv fejn il-prosekuzzjoni ippreżentat sentenzi, fejn l-imputat kien ingħata sentenzi varji mill-Qrati ta' Malta. (Magistrat Giovanni Grixti datata 20 ta' Novembru 2014, Magistrat Edwina Grima datata 22 ta' Mejju 2013 u Magistrat Edwina Grima datata 6 ta' April 2011)

Illi l-artikolu 49 jistabilixxi meta persuna ghandha titqies recidiva u cioe jekk, *wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, tagħmel reat ieħor*.

L-artikolu 50 imbaghad jistabilixxi li, skond ic-cirkostanzi hemm stabbiliti, il-piena mghotija fil-konfront ta'l-imputat recidiv tista tizdied bi grad.

Dan l-artikolu 50 jipprovdi li:

> *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk biex imputat jigi kunsidrat recidiv ai fini ta' dan l-artikolu 50 l- imputat irid l-ewwel iwettaq delitt. F'dan il-kaz l-imputat se jinstab hati

li wettaq kontravenzjoni u allura se japplika ghal kwistjoni ta' piena artikolu 49.

**<u>DECIDE:</u>**

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat artikoli 31, 49 u 338(dd) tal-Kap 9 issib lill-imputat hati **<u>biss</u>** tas-sitt (6) imputazzjoni u tilliberah mill-imputazzjonijiet **<u>l-ohra kollha</u>** u tikkundannah għal **<u>xahar detenzjoni</u>** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel arrestat proviżorjament.

______________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Maġistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur